MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1457/2002

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Di Carina Holdings Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` konvenuta Di Carina Holdings Limited hija debitrici tas-socjeta' attrici Mirage Holdings Limited fis-somma komplessiva ta' hamest elef, mitejn u disghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm5,290.34c0) in kwantu ghas-somma ta' erbat elef, hames mija, sebgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tletin

centezmu (Lm4,527.34c0) prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta u in kwantu ghas-somma ta’ seba’ mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm763) rapprezentanti imghaxijiet legali dovuta sal-lum fuq dan l-ammont, b’riserva ghall-imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv;

Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata thallas baqghet inadempjenti;

Illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex jigi dispensat is-smigh a tenur ta’ l-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan anke in vista ta’ l-Affidavit hawn anness u market Dokument “X” u inoltre s-socjeta’ konvenuta m’ghandha l-ebda eccezzjoni x’taghti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tordna li l-kawza ghandha ssir bid-dispensa tas-smigh; u

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’ hamest elef, mitejn u disghin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm5,290.34c0) prezz ta’ merci mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta’ konvenuta u in kwantu ghal seba’ mija, tlieta u sittin lira Maltin (Lm763) rapprezentanti l-imghaxijiet legali dovuti sal-lum fuq dan l-ammont.

Bl-ispejjez u riserva ghall-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-lum sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Luciano Martinelli u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa’ ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------